# IL-BANDIST ROSARIO GRIMA (1903-1927)

Rosario Grima twieled Ħal Luqa minn Francesco u Andreana nee Portelli fit-8 ta' Marzu 1903. Ta' età żgħira tgħallem il-flawt fi ħdan is-Società Filarmonica San Andrea li tagħha kien membru attiv ħafna.

Kien attiv ħafna fit-teatru u kien jipparteċipa fis-serati tat-teatrin li kienu jitellgħu fi ħdan l-istess Soċjetà. L-parti li kien l-aktar magħruf għaliha kienet dik ta' mara. F'dak iż-żmien kienu jsibuh bħala *Rużar tal-Bansa*, għaliex ommu li kienet bil-ħanut tal-laħam f'nru. 29 Strada Innocenzio, fejn hemm is-Sorijiet Franġiskani illum, kienu jsibuha bħala *l-Bansa*.

Fl-aqwa ta' żgħożitu ħak-mitu marda qalila li tefgħetu f'qiegħ ta' sodda sa kemm miet fil-2o ta' Settembru 1927, fl-età ta' 27 sena. Fil-funeral tiegħu is-Società Filarmonica San Andrea flimkien mal-korp bandistiku tagħha akkumpanjatu bl-istandarti tagħha, waqt li l-banda l-oħra tar-raħal Unjoni daqqet marċi funebri kif kienet l-użanza f'dawk iż-żminijiet.

Il-familja Grima kienu ammiraturi kbar tas-Società Filarmonica San Andrea, tant li wara t-tieni gwerra dinija meta ġie ħu Rosario Grima, li kien emigra lejn l-Amerika, irregala pittura antika mill-isbaħ ta' Sant' Andrija fuq it-tila. Din il-pittura għadha miżmuma b'għożża kbira u tinsab issebbaħ il-kamra laterali f'Palazz Bethsaida,

***Carmelo Baldacchino u George Bondin***


IN MEMORIAM

Tifchira ghaziza
ta
ROSARIO GRIMA
gluvni ta 24 sena
bandist fis-Soc: Filarmonica
"S. Andrea" -- ta Hal-Luka
fil 20 ta Settembru 1927
it tajjar ghal hdan il Creatur tighu
uara li gie ic-confortat
bis-Sagramenti mkaddsa
halla jibcu it-telfa tighu
lil, niesu, hbiebu, u
lill cul min jafu

R. I. P.

Gesu' hanin ghatieh il mistrieh ta dejjem.
*Ind. 7 snin u 7 quar.*
Gesu', Giuseppi; Maria.
*Ind. 7 snin u 7 quar.*



Il-funeral ta' Rosario Grima akkumpanjat mill-membri u bandisti ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija, filwaqt li l-Banda Unjoni qiegħda ddoqq fuq iz-zuntier tal-Knisja.